



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 16.5.2012
COM(2012) 217 final

2012/0110 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2009/138/KE dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) rigward id-dati tat-traspożizzjoni tagħha u l-applikazzjoni u d-data tar-revoka ta' ċerti Direttivi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Id-Direttiva 2009/138/KE (Solvenza II) tipprovdi sistema moderna bbażata fuq ir-riskju għar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni tal-impriżi Ewropej tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni. Dawn ir-regoli l-ġodda huma essenzjali sabiex jiġi żgurat settur tal-assigurazzjoni sikur u solidu li jista' jipprovdi prodotti tal-assigurazzjoni sostenibbli u jappoġġa l-ekonomija reali permezz ta' investimenti fit-tul u stabbiltà addizzjonali.

Id-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE hija l-31 ta' Ottubru 2012. Id-direttivi eżistenti tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (id-Direttivi 64/225/KEE, 73/239/KEE, 73/240/KEE, 76/580/KEE, 78/473/KEE, 84/641/KEE, 87/344/KEE, 88/357/KEE, 92/49/KEE, 98/78/KE, 2001/17/KE, 2002/83/KE u 2005/68/KE, kif emendati bl-atti elenkati fil-Parti A tal-Anness VI) li huma kollettivament imsemmija bħala Solvenza I se jiġu rrevokati b'effett mill-1 ta' Novembru 2012.

Fid-19 ta' Jannar 2011 il-Kummissjoni adottat proposta biex temenda d-Direttiva 2009/138/KE sabiex tikkunsidra l-arkitettura l-għdida ta' superviżjoni għall-assigurazzjoni u primarjament l-istabbiliment tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (AEAPX) fl-1 ta' Jannar 2011 (COM (2011) 8, COD 2011/0006)(Omnibus II). Il-proposta tinkludi wkoll dispożizzjonijiet biex jiġu estiżi t-traspożizzjoni, ir-revoka u d-dati tal-applikazzjoni fid-Direttiva 2009/138/KE. Dawn ir-regoli huma essenzjali sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni mingħajr intoppi għall-iskema l-għdida. Barra minn hekk u sabiex tkun kompletament operattiva, l-iskema Solvenza II tirrikjedi mill-Kummissjoni għadd kbir ta' atti ddelegati u ta' implimentazzjoni, li jipprovdu dettalji importanti dwar kwistjonijiet tekniċi differenti. Ħafna minn dawn l-hekk imsejħa regoli tal-"livell 2" huma marbuta mill-qrib mad-Direttiva Omnibus II u ma jistgħux jiġu ppreżentati mill-Kummissjoni qabel il-pubblikazzjoni ta' Omnibus II.

Fl-istadju attwali, hemm riskju li d-Direttiva Omnibus II proposta mhux se tiġi ppubblikata u ma tkunx daħlet fis-seħħ qabel id-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE li tiskadi fil-31 ta' Ottubru 2012. Il-fatt li din id-data titħalla kif inhi jimplika li d-Direttiva Qafas tkun teħtieġ li tiġi implimentata mingħajr ir-regoli tranżitorji u adattamenti oħra importanti previsti f'Omnibus II. Sabiex tiġi evitata din is-sitwazzjoni u tiġi żgurata l-kontinwità legali tad-dispożizzjonijiet attwali ta' Solvenza (Solvenza I) sakemm il-pakkett kollu ta' Solvenza II ikun fis-seħħ, huwa propost li d-data ta' traspożizzjoni rilevanti fid-Direttiva 2009/138/KE tiġi estiża għat-30 ta' Ġunju 2013.

Huwa importanti li jitħalla ftit tal-ħin għas-superviżuri u għall-impriżi ta' (ri)assigurazzjoni biex jippreparaw għall-applikazzjoni tas-Solvenza II. Għalhekk huwa propost li tiġi stabbilita d-data tal-ewwel applikazzjoni ta' Solvenza II għall-1 ta' Jannar 2014. Din se tagħmilha possibbli li l-proċeduri superviżorji ta'

approvazzjoni jibdw f'waqthom, eżempju għall-mudelli interni u għat-twettiq ta' parametri speċifiċi.

Id-data tar-revoka ta' Solvenza I għandha tkun emendata skont dan.

Fid-dawl ta' dan kollu u minħabba li ftit li xejn baqa' żmien qabel il-limitu ta' żmien tal-31 ta' Ottubru 2012, din id-Direttiva għandha tiġi adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill b'urġenza u tidħol fis-seħħ mingħajr dewmien.

Din id-Direttiva hija neċessarja sabiex tiġi evitata li tinqalgħa lakuna ġuridika wara l-31 ta' Ottubru 2012.

Tkun teżisti lakuna bejn is-sistema legali tal-UE (Solvenza II) u dik tal-Istati Membri (fejn Solvenza I tibqa' fis-seħħ kif trasposta). Din twassal għal inċertezza legali għas-superviżuri, għall-impriżi u għall-Istati Membri.

1.2. Id-Direttiva 2009/138/KE (Solvenza II)

Din id-Direttiva tistabbilixxi skema ta' solvenza ġdida u moderna għal assiguraturi u riassiguraturi fl-Unjoni Ewropea. Tipprovdi għal approċċ ibbażat fuq ir-riskju li jipprovdi inċentivi għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-rijassigurazzjoni biex ir-riskji tagħhom ikunu jistgħu jiġu kkalkolati u amministrati tajjeb.

1.3. Il-proposta COM (2011) 8 (id-Direttiva Omnibus II)

Din il-proposta għandha l-għan li temenda d-Direttiva 2009/138/KE sabiex tadatta s-Solvenza II għall-arkitettura l-ġdida ta' superviżjoni għall-assigurazzjoni u jiġifieri l-ħolqien tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (AEAPX) fl-1 ta' Jannar 2011 (COM (2011) 8, COD 2011/0006). Tipproponi li tiġi posposta d-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni ta' Solvenza II sal-31 ta' Diċembru 2012.

2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

2.1. Trażmissjoni ta' din il-proposta lill-parlamenti nazzjonali

L-abbozzi tal-atti leġislattivi, inklużi proposti mingħand il-Kummissjoni, li ntbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandhom jintbagħtu lill-parlamenti nazzjonali skont il-Protokoll (Nru 1) dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, meħmuż mat-Trattati.

Skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll, għandhom jgħaddu tmien ġimgħat minn meta l-abbozz tal-att leġislattiv ikun sar disponibbli għall-parlamenti nazzjonali sad-data ta' meta jitqiegħed fuq aġenda proviżorja għall-Kunsill għall-adozzjoni tiegħu jew għall-adozzjoni ta' pożizzjoni taħt proċedura leġislattiva.

Madanakollu, skont l-Artikolu 4 għandu jkun possibbli li jsiru eċċezzjonijiet f'każijiet ta' urġenza, li r-raġunijiet għalihom għandhom jiġu ddikjarati fl-att jew fil-pożizzjoni tal-Kunsill. L-adozzjoni ta' din il-proposta mill-Parlament Ewropew u

mill-Kunsill għandha tkun ikkunsidrata bħala każ ta' urġenza assoluta għar-raġunijiet spjegati hawn fuq.

2.2. Valutazzjoni tal-impatt

Din il-proposta mhijiex akkumpanjata minn Valutazzjoni tal-Impatt separata għaliex bħala valutazzjoni tal-impatt għad-Direttiva ta' Solvenza II diġà twettqet u din il-proposta għandha l-għan biss li tevita sitwazzjoni ta' lakuna ġuridika minħabba dewmien fil-pubblikazzjoni ta' Omnibus II f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Jekk ma jsir xejn f'dan l-istadju, wara l-31 ta' Ottubru 2012 se tinħoloq sitwazzjoni legali inċerta. Tkun teżisti lakuna bejn is-sistema legali tal-UE (Solvenza II) u dik tal-Istati Membri (fejn Solvenza I tibqa' fis-seħħ kif trasposta). Din twassal għal inċertezza legali għas-superviżuri, għall-impriżi u għall-Istati Membri.

Barra minn hekk, id-Direttiva Qafas tkun teħtieġ li tiġi implimentata mingħajr ir-regoli tranżitorji u adattamenti oħra importanti previsti f'Omnibus II.

L-emenda proposta taffettwa biss l-obbligu tal-Istati Membri biex jittrasponu d-Direttiva sal-31 ta' Ottubru 2012, u testendiha sat-30 ta' Ġunju 2013. Jipprevedi wkoll data għall-ewwel applikazzjoni tal-1 ta' Jannar 2014. Din ma taffettwax is-sustanza tad-Direttiva inkwistjoni u għalhekk ma timponix xi obbligi addizzjonali fuq in-negozji.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

3.1. Sommarju tal-miżuri proposti

Il-proposta temenda l-Artikolu 309 (1) tad-Direttiva 2009/138/KE billi tipposponi d-data tat-traspożizzjoni għat-30 ta' Ġunju 2013 u tistabbilixxi data aktar tard għall-applikazzjoni tagħha (l-1 ta' Jannar 2014). Temenda wkoll l-Artikoli 310 u 311 kif inhu xieraq billi tistabbilixxi data ġdida għar-revoka ta' Solvenza I (l-1 ta' Jannar 2014).

3.2. Bażi ġuridika

L-Artikoli 53(1) u 62 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

3.3. Prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika għaliex il-proposta tikkonċerna qasam li ma jaqax fil-kompetenza esklussiva tal-Unjoni Ewropea.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, peress li d-dispożizzjonijiet tad-direttivi ma jistgħux jiġu emendati jew revokati fuq livell nazzjonali.

L-għanijiet tal-proposta jistgħu jintlaħqu biss b'azzjoni tal-UE, peress li din il-proposta temenda att tal-liġi tal-UE li qiegħed fis-seħħ, u din hija ħaġa li ma tistax issir mill-Istati Membri nnifishom.

Hemm konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà għaliex il-proposta temenda l-leġislazzjoni eżistenti tal-UE.

3.4. Prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni li ġejja.

Din ma tibdilx is-sustanza tal-leġislazzjoni attwali tal-UE: hija ristretta għal posponiment tad-data tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE għat-30 ta' Ġunju 2013; sabiex tkun evitata sitwazzjoni ta' inċertezza legali wara li tkun skadiet id-data attwali ta' skadenza għat-traspożizzjoni (il-31 ta' Ottubru 2012). Hija tipprovdi wkoll għal data ġdida ta' applikazzjoni li qiegħdha aktar tard għas-Solvenza II u r-revoka konsegwenti ta' Solvenza I (l-1 ta' Jannar 2014).

3.5. Għażla ta' strumenti

L-istrument(i) propost(i): id-direttiva.

L-ebda strument ieħor ma kien ikun xieraq. Peress li din hija direttiva emendata, l-uniku mezz il-quddiem huwa li tiġi adottata direttiva oħra.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet fuq il-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI FAKULTATTIVI

- **Simplifikazzjoni**

Il-proposta l-ġdida bħala tali ma fiha l-ebda elementi ta' simplifikazzjoni. Din għandha l-għan biss li tipposponi d-data ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE għat-30 ta' Ġunju 2013 u li tipprovdi għal data ġdida tal-applikazzjoni tal-1 ta' Jannar 2014.

- **Revoka tal-leġislazzjoni eżistenti**

L-adozzjoni tal-proposta minnha nnfisha ma tfissirx li għandha tiġi rrevokata l-leġislazzjoni eżistenti. Hija sempliċement tbiddel id-data tar-revoka diġà prevista fid-Direttiva 2009/138/KE.

- **Iż-Żona Ekonomika Ewropea**

Dan l-istrument abbozz għandu x'jaqsam ma' suġġett kopert fil-Ftehim taż-ŻEE u għalhekk għandu jiġi estiż sabiex ikopri ż-Żona Ekonomika Ewropea.

- **Spjegazzjoni ddettaljata tal-proposta skont il-kapitolu jew skont l-artikolu**

Il-proposta tipposponi d-data tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE għat-30 ta' Ġunju 2013.

L-Artikolu 1 tal-proposta jemenda l-Artikolu 309(1) "It-Traspożizzjoni" tad-Direttiva 2009/138/KE skont dan. Huwa jipprovdi wkoll għal data ġdida ta' applikazzjoni u li qiegħdha aktar tard għas-Solvenza II (l-1 ta' Jannar 2014).

L-Artikolu 2 jemenda d-data tar-revoka ta' Solvenza I (mill-1 ta' Jannar 2014) fl-Artikolu 310 u jipprovdi għall-istess data bħad-data tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' Solvenza I imfassla mill-ġdid minn Solvenza II fl-Artikolu 311.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2009/138/KE dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) rigward id-dati tat-traspożizzjoni tagħha u l-applikazzjoni u d-data tar-revoka ta' ċerti Direttivi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 53(1) u 62 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislativ lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)³ tipprovdi sistema moderna, ibbażata fuq ir-riskju għar-regolamentazzjoni u s-supervizzjoni tal-impriżi Ewropej tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni. Dawn ir-regoli l-ġodda huma essenzjali sabiex jiġi żgurat settur tal-assigurazzjoni sikur u solidu li jista' jipprovdi prodotti tal-assigurazzjoni sostenibbli u jappoġġa l-ekonomija reali permezz ta' investimenti fit-tul u stabbiltà addizzjonali.
- (2) Id-Direttiva 2009/138/KE tistabbilixxi l-31 ta' Ottubru 2012 bħala d-data għat-traspożizzjoni u l-1 ta' Novembru 2012 bħala d-data tar-revoka tad-Direttivi eżistenti tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni (id-Direttivi 64/225/KEE⁴, 73/239/KEE⁵, 73/240/KEE⁶, 76/580/KEE⁷, 78/473/KEE⁸, 84/641/KEE⁹, 87/344/KEE¹⁰,

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

³ ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1.

⁴ ĠU 56, 4.4.1964, p. 878.

⁵ ĠU, L 228, 16.8.1973, p. 3.

⁶ ĠU L 228, 16.8.1973, p. 20.

88/357/KEE¹¹, 92/49/KEE¹², 98/78/KE¹³, 2001/17/KE¹⁴, 2002/83/KE¹⁵ u 2005/68/KE¹⁶.

- (3) Fid-19 ta' Jannar 2011 il-Kummissjoni adottat proposta biex temenda d-Direttiva 2009/138/KE¹⁷ sabiex tikkunsidra l-arkitettura l-ġdida ta' supervizzjoni għall-assigurazzjoni u primarjament il-ħolqien tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (AEAPX). (Omnibus II). Dik il-proposta tinkludi wkoll dispożizzjonijiet biex jiġu estiżi t-traspożizzjoni, r-revoka u d-dati tal-applikazzjoni stabbiliti fid-Direttiva 2009/138/KE.
- (4) Minħabba l-kumplessità tal-proposta "Omnibus II", hemm riskju li mhux se tkun daħlet fis-seħħ qabel id-dati rilevanti stabbiliti fid-Direttiva 2009/138/KE. Il-fatt li daww id-dati ma jiġux mibdula se jirriżulta li d-Direttiva 2009/138/KE tiġi implimentata mingħajr ma jiddaħħlu fis-seħħ l-adattamenti importanti pprovduti f'"Omnibus II".
- (5) Sabiex jiġu evitati l-obbligi leġiżlattivi ta' piż żejjed għall-Istati Membri skont id-Direttiva 2009/138/KE u aktar tard skont l-arkitettura l-ġdida prevista mill-proposta "Omnibus II", huwa xieraq li tiġi estiża d-data ta' skadenza tat-traspożizzjoni għad-Direttiva 2009/138/KE.
- (6) Sabiex jippermettu għas-supervizzuri u għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni biex jippreparaw għall-applikazzjoni tal-arkitettura l-ġdida sħiħa, għandha tiġi prevista data aktar tard tal-applikazzjoni, jiġifieri l-1 ta' Jannar 2014.
- (7) Sabiex tiġi evitata lakuna ġuridika, id-data ta' revoka tad-Direttivi eżistenti tal-assigurazzjoni għandha għalhekk tkun allinjata kif xieraq.
- (8) Minħabba l-perjodu qasir ħafna ta' żmien li fadal qabel ma jagħlqu d-dati ta' skadenza stabbiliti fid-Direttiva 2009/138/KE, din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ mingħajr dewmien.
- (9) Konsegwentement, huwa wkoll iġġustifikat li tiġi applikata l-eċċezzjoni għal każijiet urġenti pprovduti fl-Artikolu 4 tal-Protokoll (Nru 1) dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea f'dan il-każ fir-rigward tat-trażmissjoni lill-Parlamenti nazzjonali tal-proposta għal din id-Direttiva,

⁷ ĠU L 189, 13.7.1976, p. 13.

⁸ ĠU, L 151, 7.6.1978, p. 25.

⁹ ĠU L 339, 27.12.1984, p. 21.

¹⁰ ĠU L 185, 4.7.1987, p. 77.

¹¹ ĠU L 172, 4.7.1988, p. 1.

¹² ĠU L 228, 11.8.1992, p. 1.

¹³ ĠU L 330, 5.12.1998, p. 1.

¹⁴ ĠU L 110, 20.4.2001, p. 28.

¹⁵ ĠU L 345, 19.12.2002, p. 1.

¹⁶ ĠU L 323, 9.12.2005, p. 1.

¹⁷ (COM (2011) 8, COD 2011/0006)

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2009/138/KE hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 309(1) huwa emendat kif ġej:
 - (a) fl-ewwel subparagrafu, id-data "31 ta' Ottubru 2012" tinbidel għal "30 ta' Ġunju 2013";
 - (b) għandu jżidied it-tieni subparagrafu li ġej:

"L-Istati Membri għandhom japplikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu mill-1 ta' Jannar 2014."
2. Fl-Artikolu 310, id-data l-"1 ta' Novembru 2012" tinbidel għall-"1 ta' Jannar 2014".
3. Fl-Artikolu 311, id-data l-"1 ta' Novembru 2012" tinbidel għall-"1 ta' Jannar 2014".

Artikolu 2

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President